

Il-kwadru titulari juri 'l San Gejtanu qiegħed jirċievi lil Ġesù tarbija minn idejn il-Madonna. Huwa xogħol tal-Kavallier Pietro Gagliardi u nġieb minn Ruma fil-5 ta' Lulju 1882. Sewa mitt lira u tħallas mill-Isqof Pace Forno. (JG)



Marija Assunta: Tiddomina Marija fil-għoli bil-anġli f'lewn bajdani ċar. L-appostli u mara jagħtu l-impressjoni li qed jarawha tiela' s-sema, waqt li l-qabar fejn kienet indifnet jidher ifewwaħ bil-fjuri ġo fih. Din hi opra ta' Lazzru Pisani (1854–1932) li hu wieħed mill-aqwa pitturi tas-seklu għoxrin. Il-kwadru tpitter fl-1920. (AB)



Il-kwadru titulari huwa tal-pittur Taljan, Eliodoro Coccoli. Għandu stil oriġinali għax għalkemm hu mpitter fuq it-tila, jieħu d-dawra kollha tal-kor. Din il-pittura saret fis-snin erbgħin, wara l-aħħar gwerra dinjija. Kien l-Arċisqof Mauro Caruana li ta l-ispirazzjoni lil pittur Coccoli kif xtaq din il-pittura. Fuq il-lemin għandna d-dehra ta' San Girgor il-Kbir bilqiegħda fuq it-Tron, ibierek lill-abbati Benedittin Santu Wistin ta' Canterbury, qabel mar biex jikkonverti lill-Ingilterra. Fuq wara tiegħu jidhru aktar Benedittini li ssieħbu ma' Santu Wistin f'din il-missjoni appostolika. Mit-tieqa għandna d-dehra ta' Ruma ta' l-imgħoddi. Fost il-bini jidher il-kastell Sant' Anġlu, li kellu rabta kbira ma' San Girgor, u l-qlugħ tal-bastiment li wassal lil dawn il-Benedittini fl-Ingilterra. (JG)

# IL-MUNXAR



San Pawl: Il-kwadru juri lil San Pawl imdawwar mill-Maltin, Rumani, u ħabsin, fil-mument meta l-lifgħa kienet tiela' għal idejh. Dan ma hux l-ewwel kwadru li kellhom f'din il-parroċċa. Huma kellhom misluf għandhom kwadru qadim ta' San Pawl li hu tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali. Sal-lum, għadna narawh fil-kunvent tal-knisja ta' San Franġisk tar-Rabat ta' Għawdex.

Il-kwadru titulari tal-lum tpitter minn Robert Caruana, fl-1927, meta l-knisja kienet għadha ma saritx parroċċa. (AB)